# "AIR RAID" BIL-LEJL

Għaddej jofroq il-ħemda
Tal-wisgħa msaħħab tas-smewwiet dalmija;
Iżiġġ minn sħaba għal sħaba
Donnu għafrit maħrub, f'lejla waħxija.

Qisu t-tvenvin ta' ġwienħu—
Jidwi fil-beraħ b'ħoss imgħaġġel, tqil...
Tbaqbiq ta' qalb ħajjiena
F'dagħdigħa mqita ta' tħarbit u qtil.

U fl-ajru hemm rogħda tkexkxek
Donnu t-tferfir tal-mewt fid-dlam moħbija
Għaddejja bħal dell iswed
Biex tiżra' kull fejn tmur ħsarat u dmija.

W'il fuq, 'il fuq, imbiegħda
Lil hemm mis-sħab imċarrat, bajdanin
Il-kwiekeb qishom ġawhar
Fil-firxa tas-sema iswed imxerrdin,

Jirtogħdu... Jpetptu mbikkma
Iħarsu lejn xulxin, b'ħarsa miksura
Bħal kieku mbeżża' għax jifhmu
Kemm dmugħ u niket taħthom hemm mistura.

U l-għadu għaddej...igerger...
Fil-bliet w irħula 'l hawn u 'l hinn imxerrda,
In-nies, qalbhom ittaqtaq,
Ifittxu ġewwa l-blat il-kenn mill-qerda.

Ġod-dlam t'għerien imqatta'
Bid-daqqa tal-baqqun, taħt l-art miġbura
Jitħalltu f'ħajja waħda
L-għani w il-fqir mill-istess hemm maħqura,

Flimkien jintasbu u jaqsmu
L-imrar ta' għommthom w il-ġrajjiet tal-qalb,
Flimkien jintgħaqdu b'rabta
Sħiħa, li ma tinħallx, ta' mħabba u talb.

Jitolbu... għax hekk din qalbna
Meta triqtna tiswied b'dell is-Salib
W imweġġa' bid-demm tqattar
Taħt it-toqol tal-ħajja fit-tiġrib;

Tħoss ġewwa fiha l-ħtieġa
Li tarfa' għajnejha 'l fuq lejn is-smewwiet
W issejjaħ 'l Alla tagħha
Għax tagħraf li mhi xejn ħlief trab w irmied.

Jitolbu... Quddiem xbieha
Ta' l-Omm ta' l-imnikktin, flimkien ma' wliedha
Titlob omm oħra mdejqa
Għal żewġha li jinsab miskin fil-ġlieda,

Titlob biex il-Madonna
Tħarsu mill-għadu w iżżommulha sħiħ
U treġġgħu lura f'daru
Fuq fommu bit-tbissima tar-rebbieħ.

U l-għadu jdur bħal seqer,
Jgħarrex... ifittex biex isib id-debħa,
Biex jaħbat fuqha f'daqqa,
U jaħkimha f'dufrejh b'għajta ta' rebħa.

Imbagħad it-tvenvin joqrob...
Dejjem jiżdied... imkarkar bħal tnehida
Twila... maħnuqa .. mkarrba...
Donnha tal-ljun fil-qilla tat-taqbida.

U mat-tvenvin... tisfira...
Li tkessaħ demmek bit-tkexkix tal-bard
Bħad-daħka kiesħa, mwerżqa
Tal-mewt kif tolqot l-għadu u tixħtu fl-art.

Imbagħad... hekk f'daqqa waħda,
Ragħda li tqanqal l-art... w ilsna ta' nar
U dħaħen suwed fl-ajru
U xita ta' ħadid, ġebel w azzar.

W għajjat w ilfiq u biki
Ta' min imbeżża' jara l-mewt b'għajnejh
W iħoss tferfir ġwenħajha
W il-minġel kiesaħ tagħha għaddej minn ħdejh.

U krib li jidħol f'qalbek
U jislitlek id-dmugħ... w ilħna għajjiena
Ta' min fl-aħħar taqbida
Wiċċu fit-trab mixħut, qed jitlob ħniena.

U bliet w irħula mġarrfa
U djar u knejjes mis-sisien maħsuda...
Hekk kif mill-ħamla, mqaċċta,
Is-siġar tal-widien jaqgħu mimduda.
U taħt il-fdal imħarbta,
Bla nifs, bla dawl, f'qabar mudlam midfuna
Iġsma bla għadd imtertqa
Mill-qawwa ta' l-azzar fi trab midħuna,

Iġsma ta' tfal, ta' żgħażagħ,
Ta' nisa u xjuħ milquta mingħajr ħtija
Li mgħargħra f'demm iħammar
Jitolbu 'l Alla ħaqq minn dil-kefrija.

* * *

L-għadu tbiegħed... qed jaħrab
Kif jaħrab il-qattiel, li għall-għarrieda
Jagħti fid-dlam id-daqqa:
W irid jostor fid-dlam idu qerrieda.
U fl-ajru t-tvenvin jonqos
U fi tnehida jmut mitluf mar-rjieħ
Kif tmut wara t-taqbida
L-għanja li tgħanni l-mewt b'leħen rebbieħ.

Għadda... warajh fuq trieqtu
Ħalla radda fuq l-art tħammar bid-demm
U ħruq ta' bini jdaħħan
W irmied u għera u dlamijiet ta' hemm.
Hemm fejn il-ħajja darba
Kienet twarrad u tfuħ b'ward ir-rebbiegħa
W il-ġmiel ta' bini u toroq
Kienu jsaħħru l-għajnejn b'tiżwiq id-dija,

W in-nies kienet tgħix hienja
Fil-ħidma ta' kuljum, fil-wens mistrieħa
Ta' qlub tixgħel bl-imħabba
F'ħajja li ma tafx dell, dejjem ferrieħa.
Illum weħidha ssaltan
Il-mewt ħajjiena b'wiċċha mqit, musfar,
Imdawra b'rebħ qillitha:
Niket u ħerba u dmugħ u skiet w imrar.

* * *

Zdiedet fis-sema l-ħemda
U swied iktar id-dlam f'wiċċ il-ħolqien
Donnhom biex jaħbu f'dellhom
Ħruxija hekk kiefra li le jinsa ż-żmien.

J. Delia S.J.

Kulleġġ S. Lwiġi, B'kara
15 t'Awwissu 1941